

31994R3115

31.12.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 345/1

**IR-REGOLAMENT KUMMISSJONI (KE) Nru 3115/94  
ta' l-20 ta' Diċembru 1994**

**li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura ta' tariffi u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it- Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, u partikolarment l-Artikoli 9 u 12 tiegħu <sup>(1)</sup>,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura ta' oġġetti, hawn imsejħa 'in-nomenklatura magħquda, biex taqdi, fl-istess ħin, il-ħtiġijiet kemm tat-Tariffa Doganali Komuni u kemm ta' l-istatistika tal-kummerċ barrani tal-Komunità;

Billi hemm il-ħtieġa li tiġi emendata n-nomenklatura magħquda biex tippovdi għal:

- tibdil fil-ħtiġijiet li joħorġu mill-politika dwar l-istatistika jew kummerċ, partikolarment bħala rizzultat tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li ġġib fis-seħħ flimkien l-atti li jimplimentaw ir-rizzultati tal-Uruguay Round ta' negozjati kummerċjali <sup>(2)</sup> multilaterali u r-Regolament tal-Kunsill dwar xi miżuri li jir-rizzultaw mill-konklużjoni ta' negozjati skond l-Artikolu XXIV:6 u miżuri oħra li jkun meħtieġa għal simplifikazzjoni akbar <sup>(3)</sup>,
- il-ħtieġa biex testi jiġu allineati jew iċċarati;

Billi l-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jirrikjedi li l-Kummissjoni kull sena, trid tadotta permezz ta' regolament, li japplika mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara, verżjoni sħiħa tan-

nomenklatura magħquda flimkien ma' l-iskala awtonoma u konvenzjonali dwar dazji tat-Tariffa Doganali Komuni, kif jirriżulta mill-miżuri adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni <sup>(4)</sup>

Billi jinħtieġ li tiġi aġġornata l-lista fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar miżuri speċifiċi tal-Komunità kif imsemmin jil-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament biex jiġi kunsidrat l-iżvilupp tal-miżuri tal-Komunità li jistgħu jaffettwaw it-Taric;

Billi l-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament jaqblu ma' l-għan tat-Taqsima dwar in-Nomenklatura tat- Tariffi u Statistika tal-Kumitat Kodiċi tad-Dwana,

<sup>(4)</sup> Inkorporati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament hemm l-emendi li joħorġu mill-adozzjoni ta' dawn il-miżuri:

- IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2593/93 tal-21 ta' Settembru 1993 (ĠU L 238, tat-23.9.1993, p. 18),
- IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2976/93 tas-27 ta' Ottubru 1993 (ĠU L 268, tad-29.10.1993, p. 21),
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 177/94 tat-28 ta' Jannar 1994 (ĠU L 24, tad-29.1.1994, p. 33),
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 535/94 tad-9 ta' Marzu 1994 (ĠU L 68, tal-11.3.1994, p. 15),
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 882/94 tal-20 ta' April 1994 (ĠU L 103, tat-22.4.1994, p. 5),
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1641/94 tas-6 ta' Lulju 1994 (ĠU L 172, tas-7.7.1994, p.12),
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1706/94 tal-1 ta' Lulju 1994 (ĠU L 180, ta' l-14.7.1994, p.17),
- ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1737/94 tal-5 ta' Lulju 1994 (ĠU L 182, tas-16.7.1994, p. 9),
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/.../KE ta'...,Diċembru 1994 (ĠU L....., p....),
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.../94 ta'... Diċembru 1994 (ĠU L...., p....).

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni li għad mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

<sup>(3)</sup> Regolament li għad mhux publikat fil-Ġurnal Uffiċjali

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II tar- Regolament (KEE) Nru 2658/87 qed jiġu b'dan sostitwiti bl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-iskali awtonomi u konvenzjonali ta' dazji elenkati fl-Anness I, Parti 3, Taqsima I, l-Anness II, għandhom jissostitwixxu l-iskali

korrispondenti ta' dazji elenkati fl-Anness I, Parti 2 (l-iskeda ta' dazji tad-dwana), mid-data deċiża mill-Kunsill fil-qafas li jimplimenta kull ftehim li ntlaħaq fl-Uruguay Round ta' negozjati ta' kummerċ multilaterali.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1995

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, l-20 ta' Diċembru, 1994

*Għall-Kummissjoni*

Christiane SCRIVENER

*Membru tal-Kummissjoni*

---